MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Numru. 600/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Marthese (Maria Theresa) Mangion ta' 45 sena bint Antonio Chetcuti u Doris nee` Degiovanni imwielda Pieta fil-5 ta' Jannar 1964 u toqghod Lemar Triq Filippu Farrugia Zurrieq detentrici tal-karta ta' l-identita` b'numru 54064M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata Marthese (Maria Theresa Mangion) u cioe` talli fl-4 ta' Marzu, 2009 ghal habta ta' 8.30pm wara waqt li kienet fi Triq ix-Xwieni Marsa

1. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlet

hsara fuq vettura NruJBD512 ta' ghamla Toyota u vettura Numru DIL333 ta' ghamla BMW ghad-dannu ta' Emanuel Mangion miz-Zurrieq liema hsara tiskorri 1164.69 Euros.

2. Talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi wara li kienet involuta f'incident tat-traffiku u kkagunat hsara fuq vetturi Toyota numru tar-registrazzjoni JBD512 u BMW numru tar-registrazzjoni DIL333 naqset li tieqaf fuq il-post tal-incident.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saqet vettura tal-marka Toyota numru ta' registrazzjoni JBD512 b'manjiera bla kont u traskurata.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputata u l-ammissjoni bikrija maghmulha minnha. Illi wkoll jidher illi dan l-incident kellu bhala sfond problemi matrimonjali bejn l-imputata u zewgha Emanuel Mangion l-parte leza, liema problemi matrimonjali illum gew sorvolati permezz ta' separazzjoni finali bejniethom..

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 65 u 67 tal-LS 65.11, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda turbot lill-imputata biex bl-ebda mod ma tavvicina lil Emanuel Micallef u dana ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' hames mitt euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------